# Fittxu lill-Mulej, umli tal-art

## Adorazzjoni Ewkaristika wara r-Raba' Ħadd ta' Matul is-Sena A

Frar 2023

## Innu waqt l-Espożizzjoni

## Vista lil Ġesù Ewkaristija

Ħajja tal-ġusti, triq u tama tagħna,
għajn ta' kull tjieba, Kristu, sliem tad-dinja,
minn qalbna w fommna lilek noffru innu
ta' ferħ u glorja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Dak kollu li hu ġid u tjieba fina
jixhed il-qawwa tiegħek: imħabbitna,
il-ħila u x-xewqat tagħna, kulma aħna,
kollox ġej minnek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Aħsel lil ruħna b'raġġ tas-safa' tiegħek,
roddilha l-bjuda tat-twelid ġdid tagħha
biex, waqt mistrieħ il-ġisem, tibqa' tishar,
tistenna lilek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Agħtina s-sliem fi żmienna, qawwi l-fidi,
għin lid-dgħajfin, u sawwab fuqna l-maħfra,
qassam b'idejk miftuħa l-grazzji tiegħek
lil ħutek kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ħa tisma' talbna t-Trinità Qaddisa,
Alla l-Missier, int l-Iben, u l-Ispirtu:
u lilkom trodd bla heda d-dinja kollha
tifħir u glorja. Amen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

"Fittxu l-Mulej ilkoll, intom, l-umli tal-art" (Sof 2, 3). Kien b'dan il-kliem li fetħet il-Liturġija tal-Kelma l-Ħadd li għadda—ir-Raba' Ħadd Matul is-Sena A. U aħna u nkomplu ngħixu din ir-raba' ġimgħa matul is-sena—ġimgħa li fiha wkoll

iċċelebrajna lil Kristu bħala dawl biex idawwal il-ġnus, u glorja tal-poplu ta' Iżrael permezz tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju—f'dan il-ħin ta' talb li għandna se nerġgħu mill-ġdid inħallu tkellem lil qalbna mill-ġdid il-kelma profetika ta' Sofonija mħabbra x'aktarx fis-seba' seklu qabel Kristu, meta is-Sultan Ġosija beda riformi reliġjużi qalb il-poplu. Filwaqt li l-poplu kien mimli bi kburija għax ħaseb li kien se jasal żmien fejn Alla kellu jagħtih setgħa politika kbira fuq il-ġnus, Sofonija jħabbar lill-poplu li dan il-jum tal-miġja glorjuża tal-Mulej kien se jasal tassew imma kien se jkun ukoll jum ta' ġudizzju għalihom li ħaddnu t-triq tal-kburija—xi ftit bħat-tħabbira li x-xwejjaħ Xmuni jagħmel lil Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh—u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek!—biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna" (Lq 2, 34-35)

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Sofonija** (2, 3; 3, 12-13)
Fittxu lill-Mulej ilkoll,
intom, l-umli tal-art,
li tagħmlu ordnijietu,
fittxu l-ġustizzja, fittxu l-umiltà;
biex forsi f'jum il-korla tal-Mulej
ikollkom fejn tistkennu.
"U nħalli f'nofsok poplu umli u mċekken".
U f'isem il-Mulej ifittxu l-kenn
dawk li jifdal minn Iżrael.
Ma jagħmlux ħażen, ma jgħidux kliem b'ieħor,
u lsien qarrieq ma jibqax iżjed f'fommhom,
hekk li joqogħdu jirgħu u jistrieħu
bla ma jbeżżagħhom ħadd.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*Irroddu ħajr lil Alla.*

"Fittxu lill-Mulej ilkoll, intom, l-umli tal-art, li tagħmlu ordnijietu." Mulej, għalkemm inti tridna nħarsu lejk, kif ħarsu lejk Marija, Ġużeppi, l-Appostli u tant nies oħra meta kont itterraq fuq wiċċ l-art, nafu li ma tantx nistgħu nerfgħu rasna. Nafu li rasna hi baxxuta quddiemek għax mhux dejjem fittixniek f'kollox; mhux dejjem obdejna kelmtek f'kollox. Imma f'dal-ħin għamilna l-qalb u ġejna quddiemek biex f'dawn il-ftit minuti ta' adorazzjoni aħna nfittxek. Infittxuk mhux bi kburija li trid tifhem u taħkem dak li mhuwiex fil-limitu ta' moħħna li

jifhem. Infittxuk mhux bil-kburija ta' dawk li jaħsbu li jafu kollox jew li huma għandhom it-tajjeb kollu u l-verità sħiħa hija fil-kontroll tagħhom.
Aħna qegħdin infittxuk b'qalb umli, u umli għax umiljata: umiljati minn dnubietna, sew id-dnubiet ta' issa u sew dawk tal-passat; umiljati minħabba l-għarfien tax-xejn tagħna quddiemek; umiljati għax, xħin nersqu fid-dawl tiegħek, nagħrfu li ħwejjiġna mhumiex bojod bħas-silġ; umiljati għax nafu li mhux dejjem fittixna l-ġustizzja, li mhux dejjem fittixna l-verità anke meta tweġġa' jew tmur kontra dak li jgħidilna moħħna jew dak li jgħidilna min għandu influwenza fis-soċjetà. Umiljati, imma nersqu, u nersqu bil-fiduċja li inti tħaddan lil min jiġi jfittxek b'umiltà—umiltà li hi verità, jiġifieri la tipprova titgħolla iktar milli għandha u lanqas tarmi lilha nnifisha għax, wara kollox, mhijiex ħaġa ċkejkna li nirrikonoxxu d-dinjità enormi li biha libbistna bħala ħlejjaq xbieha tiegħek u aħwa mifdijin b'demmek. Nersqu b'umiltà għax inti tridna nersqu lejk bi gratitudni ta' dan li għoġbok tagħtina. U, għalhekk, fis-skiet, se nadurawk u rroddulek ħajr—żewġ ġesti li jiġu frott l-umiltà ta' min jagħraf li hu ma ħalaqx lilu nnifsu u t-tajjeb li għandu mhuwiex tiegħu imma mogħti u misluf lilu.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

## Innu Ewkaristiku

Dal-ħin, qegħdin infittxuk ukoll b'qalb umli għax inħossuna umiljati xħin inħarsu madwarna u naraw li m'aħniex wisq. Bħala Knisja, inħossuna umiljati meta naraw in-numri jonqsu u l-Kelma tal-Evanġelju tiegħek—li suppost hija aħbar tajba għall-umanità kollha—narawha tingħata l-ġenb jew meqjusa bħala li għaddha żmiena. Inħossuna umiljati meta kultant naqgħu aħna stess f'dawn in-nasbiet ta' modi ta' ħsieb differenti jew li nippreferu ngħixu l-fidi mill-kumdità ta' darna, b'mod sigriet, li ma jidhirx minn barra.
U nħossuna umiljati għax inħossuna li ma nistgħu nagħmlu xejn, lanqas inħeġġu lill-persuni għeżież għalina biex ma jinsewkx għax inti tħobbuhom u tieħu ħsiebhom. Imma b'daqshekk m'għandniex għalfejn naqtgħu qalbna. Inti tistedinna biex, ġaladarba sibnik, inkomplu nfittxuk sabiex hekk fil-ħajja tagħna ta' kuljum inkunu tassew nistgħu nagħrfu u nfittxu l-ġustizzja mdawlin mill-Kelma tiegħek.
Nimtlew bil-kuraġġ għax inti qatt ma sħaqt fuq il-ħtieġa ta' folol kbar, tant li darba inti stess staqsejt lil ta' madwarek: "Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?" (Lq 18, 8). Kif ħabbar il-poplu Sofonija: "inħalli f'nofsok poplu umli u mċekken." In-numri lilek qatt ma impressjonawk. U, kif se

nisimgħu l-Ħadd li ġej, inti tqabbel lilna li nemmnu fik ma' melħ u dawl ta' musbieħ—affarijiet ċkejkna fihom infushom imma li jistgħu jagħmlu d-differenza kollha.
Meta ninqabdu bejn dawn iż-żewġ estremi tan-numri li inti qatt ma ħabbart li se jkunu wisq u, fuq in-naħa l-oħra ta' numru ikbar ta' nies li narawhom jitbiegħdu minnek, ma jifdlilna l-ebda arma oħra għajr it-talb u l-fiduċja fik … li inti taf x'inti tagħmel, u li mhux se tħalli lill-bniedem jegħreq għal kollox. U, għalhekk, quddiem dan ix-xenarju, aħna wkoll, permezz ta' Salm 24, se nistqarru li l-art kollha hi tiegħek, li inti tassew Sid ta' kollox, u nitolbu sabiex il-bnedmin kollha—l-ewwel u qabel kollox aħna stess—niftħu beraħ il-bibien ta' qalbni sabiex tidħol fina b'umiltà li lilna tagħmilna dwal ċkejkna ta' umiltà fid-dinja li jkollha l-qawwa xxejjen kull kburija. Għas-Salm inwieġbu flimkien: ***Tiegħek, Mulej, hi l-art u kulma fiha!***

Tal-Mulej hi l-art u kulma fiha,
id-dinja u kulma jgħix fiha.
Għax hu fuq l-ibħra waqqafha,
u fuq ix-xmajjar fis-sod qegħedha. ***R/.***

Min jista' jitla' fuq l-għolja tal-Mulej,
min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?
Min għandu jdejh indaf u qalbu safja,
min ma jagħtix ruħu għall-frugħa,
u anqas ma jaħlef bil-qerq. ***R/.***

Dan ikollu barka mingħand il-Mulej,
u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-Salvatur tiegħu.
Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxuh;
li jfittxu 'l wiċċek, Alla ta' Ġakobb. ***R/.***

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem,
ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!
Min hu dan is-Sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej setgħan u qawwi,
il-Mulej qawwi fit-taqbida. ***R/.***

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem,
ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!

Min hu dan is-Sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej tal-eżerċti:
dan hu s-Sultan tal-glorja! *R/.*

## Innu Ewkaristiku

"Tiegħek, Mulej, hi l-art u kulma fiha!" U għalhekk, bħala l-poplu umli tiegħek, se rresqulek it-talb tagħna għall-Knisja u għad-dinja.

- Feddej Divin, irressqu quddiemek il-Knisja, il-merħla ċkejkna tiegħek, sabiex tqawwiha fid-determinazzjoni li twassal is-salvazzjoni tiegħek lill-bnedmin kollha. Nitolbu.
- Sultan tas-sliem, li tiegħek hi l-art kollha, agħmel li l-bnedmin kollha, huma ta' liema twemmin huma, ifittxu l-ġustizzja u l-umiltà sabiex hekk ikunu qegħdin jiżirgħu ż-żerriegħa ta' paċi li tibqa' u ma tkunx biss għal ftit żmien. Nitolbu.
- Seddaq lil dawk kollha—sew jekk insara u sew jekk le—li jaħdmu favur dawk li huma mwarrba mis-soċjetà sabiex ma jaqtgħux qalbhom fil-ħidma tagħhom u jkomplu jagħrfu iktar fil-fond id-dinjità ta' kull bniedem bħala xbieha tiegħek. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ li jilqgħu s-sejħa tiegħek b'umiltà u jiddedikaw ħajjithom biex jirgħu l-poplu għażiż tiegħek. Nitolbu.
- Neħħi minn fommna kull kliem qarrieq u agħtina l-qawwa biex naħarbu minn kull ħażen. Nitolbu.
- Eħlisna lill-bnedmin minn kull biża' li jwaqqawfhom milli jafdaw f'xulxin u jħabirku flimkien favur il-ġid komuni. Nitolbu.
- Ilqa' fi ħdanek għal dejjem lil dawk li fuq l-art fittxewk b'qalbhom kollha. Nitolbu.

Mulej Ġesù Kristu, aħna ġejna hawn infittxuk f'isem dawk kollha li nġorru f'qalbna. Agħtina li nqimu lilek b'ruħna kollha, u li nħobbu lil kulħadd bi mħabba spiritwali. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## Barka Sagramentali